# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 1532/00mm**

**Paul sive Lino Borg u Agnes Borg**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Novembru 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-Bank konvenut li jirrilaxxa favur l-atturi l-ammont ta' seba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm724.50c) taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti u dan wara li:

L-attur kellu kont *bearer* depositat fil-bank konvenut liema kont igib in-numru F/15619, f'liema kont l-attur (li ghandu karta tal-identita' numru 417532M) kellu depositati seba' mija u erba' u

ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm724.50c) dan il-kont kien infetah fl-24 ta' Frar 1967.

L-attur tilef il-ktieb *bearer* fit-28 ta' Dicembru 1972 u llum tilef kull speranza li jsibu; il-Bank kien gie mgharraf b'dawn il-fatti. B'hekk gie li l-attur ghandu flus fil-Bank li qed jigi mpedut milli juza.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-bank konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi mhux legalment possibli li kont *bearer* jigi zbankat a favur ta' xi persuna minghajr ma dik il-persuna tipproduci l-librett relattiv jew wara sentenza tal-Qorti;

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma tistax tirrikonoxxi lill-atturi bhala proprjetajri tal-kont u thallashom l-fondi tal-istess kont minghajr sentenza tal-Qorti.

Ghaldaqstant l-eccipjent waqt li tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, m'hijiex responsabbli ghall-ftuh ta' din il-kawza u m'ghandhiex thallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fix-xhieda tieghu l-attur qieghed jallega illi fl-24 ta' Frar 1967 huwa fetah kont *bearer* ma' l-allura Scicluna's Bank bin-numru F/15619 u li fih kien hemm l-ammont ta' sebgha mija erba u ghoxrin lira u hamsin centezmi (Lm724.50c). Fit-28 ta' Dicembru 1972 il-ktieb intilef u l-attur tilef kull speranza li qatt jista jsibu. Din it-telfa giet irrappurtata lill-Bank, kif ukoll l-Ghassa tal-Pulizija.

L-attur kien qal lill-mara tieghu bl-ezistenza ta' dan il-kont meta tilfu ghal habta tal-1972. Fl-1979 l-attur qal lit-tifel tieghu b'din it-telfa u wrieh xi korrispondenza li kellu mal-Bank. Dione Borg, it-tifel ta' l-attur ha wkoll xi inizjattivi sabiex jipprova jirrintracca dawn il-flus, pero' minghajr librett il-Bank ma setghax jirrilaxxa ebda fondi. Kien ghalhekk illi huwa rrikorra lejn il-Qorti sabiex dawn il-flus jigu rilaxxati.

Skond ix-xhieda ta' Joseph Zammit in rapprezentanza tal-Bank of Valletta dan il-librett vera kien u ghadu jezisti u bil-kumulu ta' interessi illum fih l-ammont ta' elf mitejn u erba liri u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,204.54c). Ikkonferma illi saret xi korrispondenza rigward dan il-kont illi l-librett tieghu gie rrappurtat mitluf. Qal illi skond il-prassi huma ma jistghux jirrilaxxaw il-fondi jekk ma jkollhomx xi dikjarazzjoni bil-Qorti jew inkella l-prezentata tal-ktieb.

Fil-kors ta' din il-kawza giet esibita l-*history sheet* ta' dan il-kont, ghad illi llum ghandu numru differenti minn dak li originarjament infetah bih.

Ikkunsidrat:

Illi b'din il-kawza l-atturi qed jirriklamaw is-somma ta' sebgha mija u erba u ghoxrin lira u hamsin centezmi (Lm724.50c) li allegatament kienu f'*bearer account* F/15619, liema librett li jkopri dan il-kont gie mitluf. Ma hemmx dubbju illi l-pussess ta' certifikat *bearer account* jirrapprezenta titolu ta' kreditu u l-pussess ta' dan ghandu effetti *vis a vis* terzi persuni in buona fede. Sa dan il-punt il-Qorti jidhrilha illi l-Bank kellu ragun illi jzomm dawn il-flus peress illi t-titolu jista jigi gustifikat jew bil-prezentata tal-librett jew certifikat jew inkella b'sentenza ta' din il-Qorti.

Wara ezami akkurat tal-provi migbura, l-Qorti jidhrilha illi l-atturi ppruvaw fi grad li trid il-ligi illi huma kienu l-pussessuri legittimi tal-kont meritu ta' din il-kawza. Id-dettalji moghtija mill-atturi jaqblu perfettament ma' dawk moghtija mill-Bank konvenut, fejn allura hu probabbli illi dak li qed ighidu l-atturi huwa vera. Il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-Ligi Maltija ma taghti l-ebda rimedju specifiku ghal titolar li jkun tilef il-librett tal-*bearer account,* dana ma jfissirx illi dan ma ghandu l-ebda rimedju iehor. Jekk jirnexxielu jipprova fi grad li trid il-Ligi illi huwa kien it-titular ta' dan il-kont, allura l-Qorti tista taht certa cirkostanzi tilqa' t-talba u tordna lill-Bank jirrilaxxa l-flus.

Skond sentenzi ricenti, bhal dik moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Marzu,1992 fl-ismijiet *Carmelo Abdilla & Sons Limited vs Mid Med Bank* il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-kumpanija attrici sabiex il-Bank jirrilaxxa flus minn kont *bearer* bil-

kondizzjoni li l-kumpanija taghti lill-Bank garanziji adekwati fil-konfront ta' terzi persuni li jipprezentaw il-librett tal-kont (ara wkoll *Dr Ever Grech vs Bank of Valletta deciza 8 ta' Ottubru,1992 u John Tanti vs Dr Riccardo Farrugia et deciza 30 ta' Gunju 1993*).

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Illi tilqa' t-talba ta' l-atturi, u tikkundanna lill-Bank konvenut sabiex jirrilaxxaw favur l-istess atturi l-fondi li hemm fil-kont *bearer* li allura jgib in-numru F/15619 liema fondi ghandhom jigu rilaxxati lill-atturi wara illi dawna jipprovdu garanzija adekwata lill-Bank favur terzi persuni *in buona fede* illi jipprezentaw il-librett opportun.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Anthony Zammit
Dep Reg